MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 857/2013

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
1. Veste Uomo Limited (C 12103)
2. Peter u Marie Louise mizzewgin Portelli,
3. Sebastiano Calabretta,
4. Patricia Calabretta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti, u konfermat bil-gurament minn Romuald Attard, li permezz tieghu esponiet:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, in atti Nutar Dottor Roberta Bisazza, datat 19 ta' Dicembru, 2005 (Dok "A"), l-intimati ddikjaraw ruhhom veru, certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u wiehed u sittin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm61,961.56) ekwivalenti ghal mija u

erbgha u erbghin elf, tlett mija u wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu (€144,331.60) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi d-debitu ta' l-intimati mas-socjeta` rikorrenti llum jammonta ghal mija u sebghin elf, seba' mija u hames Ewro u hmistax-il centezmu (€170,705.15), flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Lulju, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv;

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 19 ta' Dicembru, 2005 in atti Nutar Dottor Robert Bisazza (Dok "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat id-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li fis-seduta tal-lum Dr. Kris Borg ghall-intimati kollha pprezenta nota ta' ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha, qed tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tezegwixxi l-kuntratt datat 19 ta' Dicembru, 2005 in atti Nutar Dottor Robert Bisazza fl-ismijiet fuq imsemmija.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------